# BirdLife Malta taqbel li Gamiem li jitnissel fil-magħluq għandu jkollu ċurkett magħluq

## L-uniku mod kif wieħed jagħraf għasafar imnissla fil-magħluq minn dawk li jinqabdu illegalment mis-selvaġġ hu billi tinbidel il-liġi

Gamiem li jitnissel fil-magħluq għandu jkollu ċurkett magħluq.

BirdLife Malta taqbel mal-Committee Against Bird Slaughter (CABS) li l-uniku mod biex tagħraf bejn Gamiem imnissel fil-magħluq u dak li jinqabad mis-selvaġġ illegalment hu billi tiġi emendata l-liġi u dawk li jkabbru l-Gamiem f'guvi jiġu obbligati jpoġġu ċrieket magħluqin fuq il-frieħ.

M'hemm l-ebda dubju li ammont sostanzjali ta' persuni jaqbdu l-Gamiem mis-selvaġġ bl-użu ta' gaġeġ kbar. Għalkemm dan huwa illegali, kull sena jinstabu numru minn dawn il-gaġeġ fi nħawi differenti ta' Malta u Għawdex.

Minħabba li dan l-għasfur huwa fost l-ispeċi li jistgħu jiġu kkaċċjati matul il-ħarifa, il-liġi ma tikkastigax lil min jinqabad fil-pussess ta' Gamiem ħaj. Dawk li jaqbdu mijiet, jekk mhux eluf ta' Gamiem – li llum huwa speċi vulnerabbli – qed jużaw din il-lakuna fil-liġi u l-uniku mod kif jista' jiġi kkontrollat dan l-abbuż huwa billi tinbidel il-liġi f'dan ir-rigward. Dan jgħin ukoll biex tkun tista' ssir distinzjoni aktar faċli bejn min ġenwinament ikabbar il-Gamiem fil-magħluq u dawk li jaqbduh illegalment.

BirdLife Malta tħeġġeġ lill-għaqdiet tal-kaċċaturi l-FKNK (Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti) u l-KSU (Kaċċaturi San Ubertu) biex jifhmu li minn pass bħal dan igawdu l-membri ġenwini tagħhom u li l-uniċi nies li jilmentaw ikunu dawk li jaqbdu l-Gamiem illegalment. Nappellaw ukoll lill-Gvern biex jindirizza din is-sitwazzjoni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin (Ritratti ta' BirdLife Malta):**

1. Gamiem f'guvi
2. Gamiem f'guvi

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://we.tl/t-aNMuLATksO

- Gamiem f'guvi (Filmati ta' BirdLife Malta)